MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 04/09

It-Tnejn 2 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

## AĠENDA

4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

4.4 Attitivatjiet tal-Milied 2024;

4.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

4.6 Rapporti: Rapport Finanzjarji ta' Kull Kwart (Jan- Ġun 2024);

4.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta' fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

4.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa ta' filgħaxija (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Is-Sindku qal li l-kunsilliera M. Micallef kienet ser tingħaqad fil-laqgħa aktar tard.

### 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 03/9 nem con.

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

04.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien ordna żewġ mobile toilets biex jitpoġġew fejn Ġnien Raymond Caruana sakemm ikunu għadejjin ix-xogħlijiet fil-latrina pubblika.

17:09hr Il-Kunsillier S Caruana ngħaqad fil-laqgħa.

04.3.2 Is-Sindku propona lil dawk preżenti sabiex fejn iż-żuntier tal-Knisja jiġu nstallati żewġ bankijiet u żewġ bins. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

04.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li waqt il-laqgħa li kellu mall-Onorevoli Glen Bedingfield ġew diskussi siti li għandhom bżonn li jitnaddfu. Is-Sindku żied jgħid li hu talab sabiex jsir it-tindif f'dik iż-żona ta' maġenb il-palazz. Il-Viċi Sindku, is-Sur A Dalli talab sabiex tiġi mnaddfa dik il-biċċa art fi Vjal it-Torri li tifred il-ħwienet.

04.3.4 Is-Sindku għamlet referenza għas-seduta tal-PA dwar il-binja ta' Triq San Pawl fejn din ser isir fit-3 ta' Settembru 2024.

04.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien tkellem mall-għaqdiet tal-lokal sabiex jingħataw ismijiet ta' toroq għal Madonna taċ-Ċintura u għal Madonna tar-Rużarju. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm xi oġezzjonijiet u għalhekk propona sabiex quddiem il-każin taċ-Ċintura tisemma għal Madonna taċ-Ċintura u quddiem il-każin ta' La Stella tisemma għal Madonna ta' Rużarju. Dwar dan ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti.

04.3.6 Is-Sindku qal lil dawk preżenti li kien hemm oġezzjoni minn naħa tal-SCH ħabba l-post indikat mill-Kunsill biex tiġi nstallata l-magna tal-BCRS.

04.3.7 Is-Sindku f'isem il-Kunsill għadda l-kondoljanzi lill-Arċipriet u talab sabiex il-Kunsill jibgħat ittra ta' kondoljanzi.

04.3.8 Is-Sindku, f'isem il-Kunsill għadda l-Awgurju lis-Sinjura Angele Galdes. Is-Sinjura Galdes rebħet il-konkors tas-sbuħija Mrs. Malta 2024.

04.3.9 Is-Sindku propona sabiex jerġa jinbeda salib ta' dejma fi Triq il-Gudja u sabiex dan jiċċaqlaq u jitpoġġa naħa l-oħra lejn il-Kappella ta' Bir Miftuħ. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob devoluzzjoni għal dik il-binja li hemm fejn salib ta'dejma.

04.3.10 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jibgħat lill-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex isir manutenzjoni tajba madar il-Menhir li jinsab f'Dawret il-Gudja.

04.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li dwar id-diskussjoni li kellu ma' rappreżentant mill-Ministeru ta' Trasport dwar il-ħinijiet tal-parkeġġ sabiex l-iskema ssir mar-raħal kollu u mis-1:00am sa 7:00am.

04.3.12 Is-Sindku għamel referenza għal Triq il-Kappella u Triq Ħal Safi, sabiex Triq il-Kappella tiġi toħroġ biss minnha u Triq Ħal Safi tibqa' two way.

Fis-18:05hr Il-Kunsilliera M Micallef ingħaqdet fil-laqgħa.

04.3.13 Is-Sindku għamel referenza għas-sinjali ta' traffiku li saru fi Triq San Mark, fejn saret diskussjoni dwar id-devjazzjoni ta' traffiku. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien diġa bgħat lill-TM.

04.3.14 Is-Sindku propona sabiex għal matul il-festi jew matul xi attivitajiet li jkun hemm bżonn tingħalaq il-pjazza, jiġu nstallati bollards minflok il-barriers. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

04.3.15 Preżentata korrispondenza dwar l-iskema tal-Clean Up Day, fejn il-Kunsill qabel li l-attivita ssir nhar is-Sibt 28 ta' Settembru. Ser tkun qed titqassam karta fid-djar kollha.

04.3.16 Preżentata korrispondenza dwar il-European Mobility Week, fejn il-Kunsill qabel li ssir attivita bir-roti nhar il-Ħadd 13 ta' Ottubru fil-pjazza tal-Gudja.

04.3.17 Is-Sindku għamel referenza għall-kiosk tal-festi, fejn ġie maqbul li jingħataw il-permessi lil tlett gabbani tal-ikel u żewġ gabbani tal-ġelat.

04.3.18 Preżentat ir-rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Awwissu 2024.

04.3.19 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera C Chetcuti sabiex tispjega dwar il-laqgħa li saret mall-Project Coordinator tal-proġetti tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sinjura Chetcuti spejgat li l-Kunsill kien ser ikun qed japplika għal proġett tal-Europe for Citizens fil-call li ser tagħlaq fit-18 ta' Settembru 2024. Is-Sinjura Chetcuti proponiet sabiex il-proġett ikun fuq intercultural aspects u inclusivity. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**04.4 Attivitajiet tal-Milied;**

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-attivita tal-Milied isir nhar is-7 ta' Diċembru 2024 fil-pjazza tal-Gudja. Il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk preżenti li nhar is-6 ta' Diċembru 2024 ser ikun hemm diversi korijiet fil-Knisja. Is-Sindku qal li għandhom jintbgħatu l-ittri sabiex jsiru dekorazzjonijiet fit-toroq għal żmien il-Milied. Is-Sindku żied jgħid li hemm bżonn li jkun hemm kuntratt mall-għaqdiet biex anke jinbidlu d-disinni tal-armar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawn preżenti.

**04.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

04.5.1 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill joħroġ espressjoni ta' nteress sabiex isir bust ta' Ġlormu Cassar fi Ġnien Ġlormu Cassar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

04.5.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir mera fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina

04.5.3 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex jinqgħalu dwal minn mall-faċċati tad-djar u minflok jsiru arbli ta' dawl fis-service road ta' Vjal it-Torri għal fatt li triq hija mudlama.

04.5.4 Il-Kunsilliera C Chetcuti proponiet sabiex nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru fil-quddiesa li ser isir għat-tfal bħala bidu għal sena skolatika ġdida, il-Kunsill jagħti xi ħaġa żgħira ta' stationery lil kull min jattendi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

04.5.5 Il-Kunsilliera C Chetcuti għamlet referenza għal proġett RIGHTS indirizzat lit-tfal u żgħażagħ tal-lokal. Is-Sinjura Chetcuti qalet li fid-9 ta' Ottubru ser isir l-inawgurazzjoni fejn ser tkun qed tattendi l-President Emeritus Marie Louise Colerio Preca. Żiedet tgħid li l-Kunsill irid jsib binja addatata fejn ser isiru dawn il-laqgħat ta' kull xahar. Is-Sinjura Chetcuti ser tkun qed tieħu ħsieb li jsiru l-arranġamenti kollha neċċessarji.

**04.6 Rapporti;**

04.6.1 Is-Sindku preżentat ir-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2024. Dawk preżenti approvaw dan ir-rapport.

**04.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
**b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
**c. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
**e. Proġett tal-Pjazza – progress**
**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**04.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 003/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera S Caruana u ssekondata mill-Kunsilliera C Chetcuti għall-ammont totali ta' €356,209.29 u ġiet approvata nem con.

**04.9 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv